MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2001

Citazzjoni Numru. 2570/2000/1

**Edward u Salvina konjugi GRECH f'isimhom proprju u bhala legittimi rappresentanti ta' binhom minuri Roderick GRECH**

**vs**

**Joseph ZAHRA**

## Il-Qorti,

Dan huwa Degriet mahrug ghall-finijiet u bis-setghat moghtija lil din il-Qorti fl-artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dwar talba maghmula mill-Avukat tal-imharrek waqt is-smiegh tat-28 ta' Frar, 2001, biex Nota tal-Eccezzjonijieet ulterjuri tal-atturi mressqa minnhom fis-26 ta' Frar, 2001, bi twegiba ghall-Kontro-talba tal-imharrek, titnehha mill-atti tal-kawza;

Illi l-oggezzjoni mtellgha f'isem l-imharrek ghal dik in-Nota tal-Eccezzjonijiet ulterjuri hi msejsa fuq il-fatt li l-atturi qabdu u ressquha bla m'ghamlu talba b'Rikors minn qabel, u ghalhekk ma kisbux il-kunsens tal-Qorti, kif trid il-ligi;

Illi l-atturi kienu laqghu kopja tal-imsemmija Kontro-talba tal-attur u fis-sitta (6) ta' Frar, 2001, u sitt (6) ijiem wara ressqu n-Nota tal-Eccezzjonijiet taghhom. Sa ma ghalqu l-ghoxrin jum moghtija lilhom biex iwiegbu ghal Kontro-talba tal-imharrek, u jigifieri fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, 2001, ressqu n-Nota tal-Eccezzjonijiet ulterjuri taghhom li taghha l-imharrek qieghed jitlob it-tnehhija mill-atti;

Illi, ghal dak li jirrigwarda l-procedura fejn issir Kontro-talba, il-ligi [ara l-art 398 (2) tal-Kap 12] tqis li dak li japplika band'ohra ghall-imharrek jorbot lill-attur meta jigi biex iressaq in-Nota tal-Eccezzjonijiet tieghu;

Illi l-ligi tghid ukoll [ara art. 158 (11)] li Nota tal-Eccezzjonijiet tista', sa wara li l-attur ikun ressaq il-provi imma qabel ma l-imharrek ikun beda jressaq tieghu, tigi mibdula b'Nota separata, fost l-ohrajn, biz-zieda ta' eccezzjonijiet ohra, minghajr hsara ghal dawk l-eccezzjonijiet li jinqalghu f'kull stadju tal-kawza;

Illi l-artikolu 728 tal-Kap 12 ifisser kif u meta tista' tintalab u tithalla li ssir Nota tal-Eccezzjonijiet wara li tkun diga' tressqet l-ewwel Nota. F'kaz bhal dan, it-talba ssib' rikors;

Illi l-imsemmi artikolu huwa bla hsara ghal dak li jipprovdi l-artikolu 731, li jghid li l-artikolu 728 ma jghoddx ghal dawk l-

eccezzjonijiet li bil-ligi jistghu jinghataw f'kull waqt tal-kawza, jew ghal dawk li jinqalghu waqt il-kawza;

Illi l-eccezzjonijiet li jistghu jinghataw f'kull waqt tal-kawza huma espressament imsemmija mill-artikolu 732(1) meta tirreferi ghall-eccezzjonijiet perentorji;

Illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija wahda mill-eccezzjonijiet klassifikati minn dejjem u fit-taghlim tal-awturi bhala perentorji tal-mertu u, ghalhekk, b'effett ta' dan, perentorja tal-gudizzju u li tista' tittella' f'kull waqt tal-kawza, ukoll fit-tieni istanza;

Illi ghalhekk, l-ilment tal-imharrek ghall-eccezzjoni ulterjuri mressqa mill-atturi ma jsibx wens fil-kliem tal-ligi, u ghalhekk il-Qorti ssib li t-talba tieghu li dik in-Nota titnehha mill-atti m'ghandhiex tintlaqa'.

## < Sentenza In Parte >

-------------------------------TMIEM--------------------------------